Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3204

31.12.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3204

tal-11 ta' Ottubru 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-gandoffla tal-għonq qasir u l-paġella ħamra

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 2(2) u 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi miżuri tekniċi reġjonali speċifiċi għall-ilmijiet tal-Unjoni fl-Ilmijiet tal-Majjistral u fl-Ilmijiet tal-Lbiċ.

(2) L-Anness VI tar-Regolament (UE) 2019/1241 jipprevedi miżuri tekniċi għall-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Anness VII jipprevedihom għall-Ilmijiet tal-Lbiċ.

(3) L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi li l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fil-miżuri ta' konservazzjoni tal-Unjoni li japplikaw għal reġjun ġeografiku partikolari, jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex jintlaħqu l-objettivi ta' dawk il-miżuri. L-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jippermetti lill-Istati Membri b'interess ta' ġestjoni dirett jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti bl-iskop tal-adozzjoni ta' atti delegati li jemendaw, jissupplimentaw, iħassru jew jidderogaw mill-miżuri tekniċi reġjonali stabbiliti fl-Annessi ta' dak ir-Regolament.

(4) Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall (il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ) u l-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda u n-Netherlands (il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral) għandhom interess ta' ġestjoni dirett għas-sajd fl-Ilmijiet tal-Lbiċ u tal-Majjistral rispettivament.

(5) Fit-8 ta' Novembru 2020, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ ippreżenta rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni li tipproponi daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS, minimum conservation reference size) imnaqqas ta' 32 mm għall-gandoffla tal-għonq qasir, magħrufa wkoll bħala l-gandoffla ta' Manila, (*Venerupis philippinarum*) fil-Baċir ta' Arcachon.

(6) Fis-seduta plenarja tat-22–26 ta' Marzu 2021, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF, Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) evalwa r-rakkomandazzjoni konġunta u kkonkluda ([3]) li l-informazzjoni pprovduta ma kinitx tiġġustifika l-MCRS imnaqqas propost.

(7) Fi Frar 2023, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ ippreżenta aktar informazzjoni dwar il-gandoffla tal-għonq qasir.

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

([3]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf-plen-21-01.

(8) Fis-seduta plenarja tal-20–24 ta' Marzu 2023, l-STECF ivvaluta dik l-informazzjoni ulterjuri u kkonkluda ([4]) li, minħabba li l-MCRS imnaqqas propost ta' 32 mm huwa akbar mill-istima tad-daqs fl-ewwel maturità (26,7 mm) fil-baċir ta' Arcachon, l-impatt fuq il-frieħ x'aktarx li jkun minimu. L-STECF ikkonkluda wkoll li filwaqt li frazzjoni akbar tal-popolazzjoni matura se tkun tista' tinħasad, l-impatt tal-MCRS imnaqqas propost fuq il-popolazzjoni matura x'aktarx li jkun negliġibbli minħabba li, skont l-analiżi disponibbli, l-akbar proporzjon tal-popolazzjoni matura se jibqa' protett mis-sajd. Barra minn hekk, l-STECF ikkonkluda li kwalunkwe effett fuq l-istatus ta' konservazzjoni tal-istokk x'aktarx li jkun minuri għall-popolazzjoni sħiħa u li kwalunkwe benefiċċju ta' konservazzjoni eżistenti fuq il-frieħ li jirriżulta mill-MCRS attwali ta' 35 mm huwa mistenni li jibqa' l-istess. Fl-aħħar nett, l-STECF innota li: (i) hemm żewġ riżervi tas-sajd magħluqa; (ii) bħalissa hemm 40 liċenzja tas-sajd attivi u sistema għat-tiġdid li għal diversi snin kellha l-għan li tkompli tnaqqas il-liċenzji l-ġodda; u (iii) l-istħarriġiet tal-istokk isiru kull sentejn.

(9) Minħabba li (i) l-MCRS imnaqqas x'aktarx li jkollu impatt negliġibbli fuq il-popolazzjonijiet maturi u impatt minimu fuq il-frieħ; (ii) il-benefiċċji ta' konservazzjoni eżistenti mistennija li jibqgħu l-istess; (iii) l-MCRS imnaqqas ikun akkumpanjat minn miżuri ta' ġestjoni li jinkludu ż-żewġ riżervi tas-sajd magħluqa u sistema ta' liċenzji; u (iv) l-istħarriġiet dwar il-popolazzjoni ta' dan l-istokk isiru kull sentejn, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti tal-Artikoli 15 u 18 tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma ssodisfati.

(10) Fit-13 ta' Ġunju 2024 u fit-28 ta' Ġunju 2024, il-Gruppi Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ u tal-Ilmijiet tal-Majjistral, rispettivament, talbu estensjoni sal-31 ta' Diċembru 2026 għall-miżuri li ilhom japplikaw għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) minn Lulju 2022 ([5]). Bl-estensjoni jinżammu kemm l-MCRS attwali għall-paġella ħamra fiż-żewġ baċiri tal-baħar, kif ukoll l-għeluq (i) għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju u (ii) fuq bażi staġjonali għas-sajd kummerċjali u s-sena kollha għas-sajd rikreattiv f'żoni ġeografiċi speċifiċi tas-subżona 8 tal-ICES.

(11) Fis-26 ta' Settembru 2024, l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta aġġornata lill-Kummissjoni li tillimita d-durata tal-estensjoni mitluba sa Diċembru 2025.

(12) Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fis-27 ta' Settembru 2024.

(13) L-STECF preċedentement ivvaluta dawn il-miżuri fl-2021 u kkonkluda li dawn kellhom il-potenzjal li jnaqqsu l-qabdiet tal-paġella ħamra ([6]).

(14) Peress li: (i) il-miżuri huma l-istess bħal dawk li ilhom japplikaw għall-paġella ħamra minn Lulju 2022; (ii) id-*data* għal dan l-istokk għadha skarsa u l-ICES ħareġ parir li l-qabdiet għall-2025 u l-2026 għandhom ikunu żero ([7]); u (iii) il-miżuri għadhom aktar stretti mill-miżuri bażi, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma ssodisfati.

(15) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibli. Peress li l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri introdotti bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/491 ([8]) jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024, il-miżuri li jikkonċernaw il-paġella ħamra jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali.

([4]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf-plen-23-01.

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56 tad-19 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L 5, 6.1.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/56/oj).

([6]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf-21-05-eval-jrs-lo-and-tm-reg.

([7]) ICES. 2024. Blackspot seabream (*Pagellus bogaraveo*) in subareas 6-8 (Celtic Seas, the English Channel, and Bay of Biscay). In Report of the ICES Advisory Committee, 2024. ICES Advice 2024, sbr.27.6-8 (https://doi.org/10.17895/ices.advice.25019660).

([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/491 tat-30 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tiġdid tal-miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L, 2024/491, 13.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/491/oj).

(16) Il-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament applikabbli għall-ilmijiet tal-Unjoni għandhom l-għan li jilħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 494(1) u (2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([9]) u jikkunsidraw il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 494(3) ta' dak il-ftehim. Dawn huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura applikabbli fl-ilmijiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.

(17) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-miżuri li jikkonċernaw il-paġella ħamra għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([9]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

ANNESS

L-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(i) id-dsatax-il entrata tat-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Paġella ħamra *(Pagellus bogaraveo)*	36 cm (*) (**) (***)

(*) Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2025.
(**) Fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES għandu japplika d-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 40 cm għall-qabdiet tal-paġella ħamra fis-sajd rikreattiv.
(***) F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2025, mill-1 ta' Jannar 2026, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għandu jkun ta' 33 cm.";

(ii) il-punt 1 taħt it-tabella huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni speċifikati f'din il-Parti għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*), għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), għall-pollakkju iswed (*Pollachius virens*), għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*), għall-merluzz (*Merluccius merluccius*), għall-megrim (*Lepidorhombus* spp.), għal-lingwata (*Solea* spp.), għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), għal-lipp (*Molva molva*), għal-linarda (*Molva dipterygia*), għall-kavall (*Scomber spp*.), għall-aringa (*Clupea harengus*), għas-sawrell (*Trachurus* spp.), għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), u għas-sardina (*Sardina pilchardus*) għandhom japplikaw għas-sajd rikreattiv fl-Ilmijiet tal-Majjistral. Madankollu, għas-sajd rikreattiv tal-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) għandu japplika d-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) ta' 40 cm fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2025 (*) .

(*) F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2025, mill-1 ta' Jannar 2026, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għall-paġella ħamra għandu jkun ta' 33 cm."

(b) fil-Parti C, il-punt 11 dwar il-miżuri għall-paġella ħamra, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12. Żoni magħluqa għall-konservazzjoni tal-paġella ħamra fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES

12.1. Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2025, is-sajd kollu għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża.";

(2) l-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, l-għoxrin entrata tat-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*)	36 cm (*) (**)

(*) Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2025.
(**) F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2025, mill-1 ta' Jannar 2026, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għall-paġella ħamra għandu jkun ta' 33 cm.";

(b) fil-Parti A, is-sitta u għoxrin entrata tat-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Gandoffla tal-għonq qasir (*Venerupis philippinarum*)	32 mm"

(c) fil-parti C, il-punt 5.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5.4. Il-miżuri elenkati fil-punti 5.1 sa 5.3 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2025."